MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 410/2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dean Martin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 407080M.

Talli fil-15 t'Ottubru, 2006 f'dawn il-gzejjer u matul dawn l-ahhar tliet xhur

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-

Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Ukoll talli Dean Martin ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-11 ta' Dicembru, 2002 mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet, li saru f'zewg seduti separati.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qieghdin jaghmlu xoghol ta' sorveljanza ma' residenza ta' terza persuna in konnessjoni ma' abbuz tad-droga.

2. F’hin minnhom, l-imputat gie bil-karozza tieghu, waqaf quddiem ir-residenza, tela’ t-tarag ta’ din ir-residenza, u ghamel kuntatt ta’ cirka hames minuti man-nies fir-residenza, pero ma dahalx gewwa. Meta l-imputat hareg mill-karozza tieghu biex jmur f’din ir-residenza ma kellu xejn f’idu.[1]
3. L-imputat rega’ dahal fil-karozza tieghu u saq mill-ewwel, minghajr ma ghamel ebda moviment li jipprova jahbi xi haga.[2] Huwa gie intercettat mill-Pulizija.
4. Minn tfittxija fuq il-persuna tieghu instab l-ammont ta’ mija u hames liri Maltin (LM105). Saret tfittxija gewwa l-vettura u taht l-ashtray wara l-handbreak instabet borza tal-plastic li go fiha kien hemm tissue u go fiha kien hemm imgezwrin borza tal-plastic daqxejn imdaqqsa u borza ohra zghira li kien fiha trab kannella go fiha. Go l-ashtray instab l-ammont ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120).
5. Fir-relazzjoni tieghu,[3] l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda li z-zewg boroz bi trab kannella kien fihom is-sustanza eroina. Wahda mill-boroz kienet tizen 9.642 grammi u l-ohra 0.621 grammi, total ta’ 10.263 grammi. Il-purita ta’ din is-sustanza kienet ta’ cirka 31.3%.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti tibda biex fl-ewwel lok tghid li mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li l-imputat biegh jew xtara d-droga meta hu ghamel kuntatt man-nies fir-residenza li kienet taht osservazzjoni mill-Pulizija. Il-Qorti waslet f’din il-konkluzjoni ghaliex mix-xhieda tal-Pulizija stess, meta l-imputat hareg mill-vettura tieghu biex imur fir-residenza huwa ma kellu xejn f’idu, u meta rritorna lura fil-vettura tieghu huwa saq mill-ewwel, minghajr ma ghamel xi manuvra biex jipprova jahbi xi haga. Issa d-droga instabet taht l-ashtray god-dash board tal-karozza u biex sabuha il-Pulizija kellhom jaqilghu l-ashtray u elevawha minn taht l-ashtray.[4] Konsegwentement kieku l-imputat xtara d-droga mir-residenza li maghha ghamel kuntatt, ma kienx se jaqbad u jsuq mal-ewwel, imma kien ikollu jaqla’ l-ashtray biex ipoggiha tahtu, fejn instabet – manuvra li kienet tiehu l-hin, u li kieku veru grat, certament kienet tigi osservata mill-Pulizija. Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-opinjoni li d-droga kienet diga fil-vettura meta l-imputat ghamel kuntatt mar-residenza taht sorveljanza.

---

[1] Ara xhieda ta’ PS765 Samuel Attard a fol. 36 tal-process.
[2] Ara xhieda ta’ PS765 Samuel Attard a fol. 38 tal-process.
[3] Ezebita bhala Dok MM a fol. 54 tal-process.
[4] Ara xhieda ta’ PC 138 Joseph Portelli a fol. 41 tal-process.

Konsegwentement, ghal fini li tiddetermina jekk id-droga li nstabet kienitx ghall-uzu personali tal-imputat o meno, din il-Qorti se tikkoncentra fuq il-flus li nstabu fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura tieghu, u fuq l-ammont ta' droga li nstabet.

Il-Pulizija sabu s-somma ta' mija u hames liri Maltin (LM105) fuq il-persuna tal-imputat u s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (LM120) fl-ashtray tal-vettura tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal l-ebda domanda li saritlu fuq dawn il-flus, inkluz ghalfejn kienu fuqu, u ghalfejn kienu maqsuma f'zewg mazzez. Pero, f'dawn il-proceduri, l-imputat ressaq provi li huwa kellu dejn ma' Frank Borda Ltd, stante li fil-15 ta' Lulju 2005, hu kien xtara vettura minghandu abbazi ta' *hire purchase agreement*, u meta gie arrestat mill-Pulizija huwa kien ghad ghandu dan id-dejn u kien waqa' lura fil-pagamenti.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jissottometti illi *"... ... l-imputat stqarr li kien ser jaghmel pagament lill-Skoda ... ... Jigifieri d-difiza gabet prova sal-grad tal-probabbli li l-flus kienu flus li ta bil-haqq kienu ghax kont sejjer naghmel pagament lill-Skoda. U jirrizulta wkoll li dan il-pagament ma sarx ghax jiena gejt arrestat."*[5] Issa kif diga inghad aktar il-fuq, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar il-flus, u lanqas ta spjegazzjoni lil din il-Qorti stante li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Pero kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulzija v. Jason Mallia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[6], fit-2 ta' Settembru 1999, *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

[5] Ara fol. 97 tal-process.
[6] Per Mr. Justice Vincent De Gaetano.

Ghalhekk il-fatt li nstabu dawk il-flus fil-pussess tal-imputat certament ma tikkostitwix prova sal-grad rikjest fil-kamp penali li dawk il-flus kienu gejjin mit-traffikar tad-droga – fil-fatt l-imputat ma hux akkuzat bi traffikar tad-droga.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax teskludi sal-grad tal-probabbli li jista' jkun li l-imputat kien sejjer ghand Frank Borda Ltd. biex b'dawk il-flus ihallas parti mid-dejn li kellu fuq il-karozza.

Ghalhekk jifdal x'jigi deciz, jekk l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat tilhaqx il-prova rikjesta fil-kamp penali, li dik id-droga ma kinietx intiza ghal uzu esklussiv tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li jabbuza mid-droga erojina. L-ammont ta' 10.623 grammi erojina huwa certament wiehed sostanzjali, meta wiehed iqis li huwa notorju f'dan il-qasam, li d-dosa tipika ta' erojina hija ta' 0.2 grammi. Fil-fatt fl-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta) li dahal fis-sehh fil-15 ta' April 2015, il-pussess tal-erojina huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) grammi.[7] Ghalhekk, f'nuqqas ta' provi ohra, din il-Qorti kienet tasal ghal konkluzjoni li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinietx ghal uzu esklussiv tieghu, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni, ghaliex kellu dak l-ammont ta' droga kollu fuqu – ammont li certament ma kienx se jigi kkunsmat f'daqqa.

Pero, l-imputat tella' bhala xhud lil Dottor Joseph Tonna li dak iz-zmien kien jahdem fil-kamp tad-droga gewwa l-Isptar San Luqa, mal-Agenzija Sedqa.[8] Dottor Tonna ilu jaf lill-imputat mill-2001 meta l-imputat kellu diga l-problema tal-abbuz tal-herojina. Dottor Tonna spjega fid-dettal il-kura li kien jiehu l-imputat matul is-snin u l-progress li ghamel dawn l-ahhar snin. Pero, dak li l-aktar hu relevanti ghal kwistjoni odjerna, huwa li meta gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk jafx b'liema ammont ta' droga gie maqbud mill-Pulizija fil-15 t'Ottubru 2006, Dottor Tonna wiegeb li f'dik id-data *"qisu xi gramma kuljum kien jiehu. Jiena b'kemm inqabad ma nafx, imma mir-records tieghi jirrizulta li kien jiehu gramma kuljum."*[9] Din id-dikjarazzjoni minn specjalista fl-abbuz tad-droga li kien jiehu hsieb il-kura tal-imputat, tbiddel kompletament il-perspettiva ta' din il-Qorti dwar l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tal-imputat. Dan ghaliex, in vista ta' din id-dikjarazzjoni, dan ifisser li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ammont ta' droga li kien iservieh ghaxart (10) ijiem. Din il-Qorti ma tistax teskludi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat xtara droga ghal

---

[7] Ara Artikolu 4 tal-Att.
[8] Ara xhieda ta' Dottor Joseph Tonna a fol. 102 *et seq.* tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Dottor Joseph Tonna a fol. 109 tal-process.

ghaxart (10) ijiem verament ghal konsum personali tieghu, biex ma joqghodx jixtri kull ftit granet. Konsegwentement, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma ghandhiex ic-certezza morali li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinietx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ta' pussess aggravat ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp penali, pero gie ippruvat biss il-pussess semplici tad-droga

It-tieni imputazzjoni, u cioe li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ghalkemm tirrizulta ppruvata mis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni.[10] Ghalkemm fis-sottomissjonijiet orali d-difiza ssottomettiet li din is-sentenza giet reza operativa b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-11 ta' Gunju 2009, minn qari ta' dik is-sentenza jirrizulta li dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputat mill-imputazzjoni li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ghax din ma gietx ippruvata skont il-ligi.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-fedina tal-imputat m'hix wahda felici. Huwa ghandu tminn kundanni minn dawn il-Qrati, li jinkludu ingurja jew theddid lil ufficcjali tal-pulizija, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, pussess semplici tad-drogi heroina u ecstacy, u traffikar tad-droga herojina.

L-ammont ta' 10.623 grammi erojina li nstab fil-pussess tal-imputat huwa certament wiehed sostanzjali.

Pero mix-xhieda ta' Dottor Joseph Tonna u ta' Nathalie Spiteri[11], il-partner tal-imputat, jirrizulta li wara li skonta piena karcerarja, l-imputat ghamel l-ghalmu tieghu sabiex jirriforma ruhu, u jeghleb il-vizzju tad-droga. Illum ghandu relazzjoni stabbli mal-partner tieghu u mat-tfal taghhom u ghandu wkoll xoghol stabbli. Huwa qed jassumi wkoll ir-responsabbilitajiet tieghu bhala genitur. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva mhix idonea.

[10] Ara Dok NGS a fol. 57 tal-process.
[11] Ara xhieda ta' Nathalie Spiteri a fol. 111 *et seq.* tal-process.

Ghall-istess ragunijiet din il-Qorti mhix tal-opinjoni li s-sentenza sospiza ghandha tigi reza operattiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, tiddikjara li l-imputat mhux hati tal-imputazzjoni “a” kif dedotti kontrih, u qed tilliberah minnha, pero wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati tar-reat kompriz u involut fl-imputazzjoni “a” u cioe dak ta’ pussess semplici tad-droga heroina, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur (6) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett snin (3), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghal hlas ta’ multa ta’ elf u tlett mitt Euro (€1,300.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ erbghin Euro (€40.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Gunju 2015, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lil Dean Martin hati wkoll li kkommetta r-reat imsemmi fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza tal-11 ta’ Dicembru 2002 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti qed tastjeni milli tirrendi dik is-sentenza operattiva, u dan ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ hames mija u erba’ u sittin Euro u seba’ u hamsin centezmu (€564.57) - ekwivalenti ghas-somma ta’ mitejn u

tnejn u erbghin Lira Maltija u seba’ u tletin centezmu (Lm242.37) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------